**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 18**

5 t'Awwissu 2025

It-tmintax (18)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 5 t'Awwissu 2025 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

18.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

18.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

18.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

18.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tas-sbatax (17)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

18.2.2. Il-Kunsillier DC ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 17.10.7.2 li għandha taqra "il-Kunsill qabel li għandha tintalab donazzjoni ħdejn l-entratura tal-ġibjun u postijiet oħra".

18.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, DC, NH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

18.3 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-1 U T-2 KWART TAS-SENA**

18.3.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li l-accountant kien jinsab indispost u li r-rapporti għandhom jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill innota dan.

18.4 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

18.4.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza dwar refurbishment ta' faċilitajiet sportivi f'Malta.

18.4.1.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill kien ikkomunika mas-Surmast tal-iskola primarja biex isir outdoor gym fl-iskola iżda l-entità kienet informatu li minħabba n-natura kummerċjali tagħha, ma tistax tinstalla dan l-outdoor gym fi skola.

18.4.1.2. Il-Viċi Sindku JAE issuġġerixxa li l-outdoor gym jiġi installat fi Triq Sarria, taħt is-siġar.

18.4.1.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li l-gym isir fid-daħla ta' qabel il-Floriana Nursery.

18.4.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Awditur Ġenerali fejn talbu permess għal seba' spazji ta' parkeġġ li jkunu riservati b'mod temporanju għal perjodu ta' tmien ġimgħat. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel ġaladarba dawn l-ispazji ta' parkeġġ kienu se jsiru b'mod temporanju.

18.4.3. Is-Sindku ressaq talba għal un/loading bay temporanja fi Triq Vincenzo Dimech minħabba xi xogħolijiet li qed isiru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

18.4.4. Is-Sindku ressaq talba mingħand iċ-childcare centre tal-lokal fejn ipproponew li ssir un/loading bay quddiem iċ-ċentru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

18.4.5. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand Dun Ġwann fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna. Il-Kunsill innota dan.

18.4.6. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand is-Sur Antoine Aquilina li talab permess jorganizza attività fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V fil-11 u t-12 t'Ottubru 2025.

18.4.6.1. Is-Sindku NH semma l-possibbiltà li l-Kunsill jipproponi li l-attività ssir il-ġimgħa ta' wara matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

18.4.6.2. Is-SE spjega l-kundizzjonijiet li hemm speċifikati fid-dokument tat-tender li jindika ż-żona t'esklussività li għandu l-operatur tal-gabbana.

18.4.6.3. Għalhekk wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi organizzata din l-attività bil-kundizzjoni li ma tkunx fiż-żona t'esklussività indikata fil-kuntratt.

18.4.7. Is-Sindku ressaq talba mingħand l-Għaqda tan-Nar u s-Soċjetà Filarmonika Vilhena sabiex tiġi organizzata attività ta' barbikju fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V jew fi Ġnien Sir Luigi Preziosi nhar id-9 t'Awwissu 2025. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet ta-soltu.

18.4.8. Is-Sindku ressaq proposta mingħand resident biex il-Kunsill jagħmel statwa tal-ġebel fi Triq Sant'Anna iddedikata lil San Gwann Nepomucene. Il-Kunsill qabel li t-talba tiġi ikkunsidrata.

18.4.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand residenta li kellha inċident fil-lokalità u kienet qed titlob kumpens għad-danni. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-ittra legali mibgħuta u innota li hemm dokumenti nieqsa bħalma huwa r-rapport tal-pulizija u r-rapport mediku. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-avukat tal-kunsill sabiex jibgħat risposta legali.

18.4.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand it-Tourism Zone Regeneration Agency fejn informaw li kien ser isir restawr tal-winch f'Xatt it-Tiben. Huwa informaw li l-ispiża kienet ser tiġi assorbita kompletament minnhom u li kienu qed jistennew konferma minn Transport Malta. Il-Kunsill innota dan.

18.4.11. Is-Sindku għamel riferenza għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-kirja tal-grawnd tal-futbol u l-Greens Night u qal li kienu saru xi spejjeż biex jitnaddaf il-ħaxix ħażin li jammontaw għal madwar €750. Fil-każ tal-Greens Night huwa qal li kienu nġiebu mobile toilets u skip. Huwa talab lill-Kunsill jikkunsidra li dawn l-ispejjeż jiġu assorbiti mill-kunsill lokali bħala attivitajiet organizzati b'mod konġunt mal-Floriana Supporters Club u l-Floriana F.C.

18.4.11.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni għall-possibbiltà li jista' jkun li b'dawn l-ispejjeż jinqabeż l-ammont tal-kuntrattur li għamel ix-xogħol ta' tindif tal-ħaxix li huwa permess bil-liġi għal ħlasijiet b'direct order.

18.4.11.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-ammont tal-kuntrattur ma nqabiżx. F'dak il-każ l-ispejjeż għandhom jitħallsu kompletament mill-għaqdiet lokali ikkonċernati.

18.4.12. Is-Sindku għamel riferenza għall-assenjazzjoni tal-karigi lill-Kunsillier DC. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-karigi tal-kultura u attivitajiet jgħaddu mingħand il-Kunsilliera JP għal għand il-Kunsillier DC. Il-kariga tal-infrastruttura għaddiet mingħand il-Kunsillier DC għal għand is-Sindku NH.

18.4.13. Is-Sindku għamel riferenza għall-attività Malta International Food Festival li kienet qed tiġi organizzata fuq il-Fosos. Huwa qal li ma jħossx li tali attività għandha tibqa' tiġi organizzata fil-Floriana u għalhekk talab li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Nota: 14:47 Il-Kunsilliera SSH attendiet għal-laqgħa.**

## 18.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

18.5.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi laqgħa pjanata mal-organizzaturi tal-Isle of MTV biex tiġi diskussa l-attività li għaddiet kif ukoll it-titjib li jista' jsir fis-snin li ġejjin.

18.5.1.1. Is-Sindku qal li sfortunatament dik is-sena kien hemm diversi problemi matul l-attività.

18.5.1.2. Is-Sindku kompla billi qal li kienu qed jinħolqu diversi problemi għar-residenti u li kien hemm ħafna ilmenti.

18.5.1.3. Is-Sindku qal li kien se jinsisti li l-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku irid jiġi preżentat qabel kull attività u jiġi approvat mill-Kunsill.

18.5.2. Il-Viċi Sindku JAE informa lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-Community Network fejn ipproponew li l-attivitajiet kollha li jkun hemm fil-lokalità jinġabru kollha f'kalendarju diġitali li jiġi ixxerjat magħhom. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-kunċett huwa tajjeb iżda ma jaqbilx li għandu jamministra dan il-kalendarju hu.

18.5.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-arblu tal-lokalità. Is-Sindku qal li l-materja kienu qed jieħdu ħsieba l-periti tal-Kunsill.

18.5.3.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li f'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni kien hemm suġġeriment biex isir arblu fuq is-sur, in-naħa tal-Kapuċċini peress li jkun jidher ukoll minn ħdejn Bieb il-Bombi.

18.5.4. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta biex ir-residenti jiġu kumpensati tat-tneħħija għall-inkonvenjenzi li esperjenzaw matul l-attività tal-Isle of MTV inkluż dawk relatati mat-tneħħija tal-parkeġġ mill-akwati ta' madwar il-Fosos matul l-attività u fil-jiem ta' qabel. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx fil-prinċipju iżda qabel li għandu jressaq il-proposta lill-organizzaturi.

18.5.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward il-funtana ta' Ġnien Preziosi. Il-Kunsill qabel li sakemm jinġiebu l-kwotazzjonijiet għall-manutenzjoni, għandu jitqabbad persuna sabiex inaddafha sew.

18.5.6. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill li kienet ikkuntattjat lill-kuntrattur dwar id-dawl ta' ħdejn il-Young Falcons Club li min-naħa tiegħu informaha li kien ser jieħu ħsieb jordna r-rifletturi biex ikunu jistgħu jinbidlu.

18.5.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-information panel fid-daħla ta' Ġnien il-Mall bir-ritratti antiki.

18.5.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-proposta li kienet ressqet għal siġra tal-Milied fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII.

18.5.8.1. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob lill-organizzaturi tal-villaġġ tal-Milied biex jikkunsidraw jagħmlu s-siġra huma fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII u b'hekk tkun resqet iktar lejn iċ-ċentru.

18.5.8.2. Is-SE semma l-alternattiva li din tkun parti mill-armar tal-Milied tal-Kunsill.

18.5.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-affarijiet li kien hemm ħdejn il-Floriana F.C. Nursery. Is-Sindku wieġeb li iktar kmieni matul il-laqgħa kien hemm deċiżjoni li dawn jitneħħew b'mod konġunt mal-Kunsill.

18.5.10. Il-Kunsilliera JP ressqet ringrazzjament mingħand cat feeder għat-tindif li sar wara s-sur. Il-Kunsill innota dan.

18.5.11. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp fuq il-ħasil tat-toroq. Is-SE qal li kien diġà sar ħasil ta' xi toroq iżda għad jonqos xi toroq fin-naħa t'isfel li għandhom isiru dalwaqt.

18.5.11.1. Il-Kunsilliera SSH fakkret biex ma tinħasilx bil-bowser ir-rampa ta' Preziosi minħabba l-problemi li kien qed ikun hemm bl-ilma fir-residenzi.

18.5.12. Il-Kunsilliera JP staqsiet min kien qed jieħu ħsieb l-ilmenti li jiġu riċevuti fuq social media.

18.5.12.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-messaġġ huwa wieħed awtomatiku u jirreferi lill-persuna biex iċċempel jew tibgħat imejl u dan skont id-direttiva li kien irċieva l-Kunsill.

18.5.12.2. Is-SE żied jgħid li ma kien hemm ħadd li qiegħed fuq hekk biss iżda minkejja dan meta jiġu innotati xi ilmenti jew talba għall-ġabra ta' skart goff, tipprova tittieħed azzjoni malajr kemm jista' jkun.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

18.6.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi issuġġerixxa li tinżamm laqgħa tas-sottokumitat tar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali li ser tinżamm nhar it-2 t'Awwissu fis-7pm. Il-Kunsill innota dan.

**Nota: 15:35 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

18.7.1. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 14/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

18.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 18.8 Ġenna ta' Ġonna

18.8.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi irrefera għall-edizzjoni li jmiss tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

18.8.2. Is-SE qal li kienet intbagħtet komunikazzjoni lill-għaqdiet lokali kollha iżda kien hemm risposta biss mingħand il-Fergħa Armar ta' Ġewwa, il-Floriana Ajax u s-Soċjetà Filarmonika Vilhena.

**Nota: 15:38 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

18.8.3. Is-SE ressaq talba mingħand il-Floriana Ajax biex issir lejla annwali ta' preżentazzjoni nhar it-30 t'Awwissu fi Ġnien Preziosi b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jieħu ħsieb it-trofej. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jattendu din l-attività minħabba li hu, il-Viċi Sindku JAE u l-Kunsillier DC kienu se jkunu msiefrin u għalhekk ma setgħux jattendu.

18.8.4. Is-SE qara l-proposti li ġew imressqa mill-għaqdiet lokali għal matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

18.8.5. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li d-data għall-proposti tiġi estiża sat-23 t'Awwissu 2025. Il-Kunsill qabel.

18.8.6. Is-Sindku NH qal li l-Għaqda tan-Nar kienet ser tipproponi li ssir dimostrazzjoni ta' kif jinħadem murtal.

18.8.7. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jkun hemm capping għall-għaqdiet lokali ħalli l-Kunsill ikollu idea ta' kemm ser jonfoq.

18.8.8. Is-SE qal li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jibbukkja grupp mużikali għal dakinhar. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata ċans sat-23 t'Awwissu biex il-kunsilliera jressqu l-proposti tagħhom.

18.8.9. Is-Sindku informa li kien talab lil wieħed mill-kuntratturi biex jagħti kwotazzjoni għat-tindif fil-kantuniera ta' Pjazza Robert Samut c/w Triq San Franġisk.

18.8.10. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jibda' jinħadem il-poster ta' Ġenna ta' Ġonna u ippropona li fuq il-poster ikun hemm indikazzjoni ta' ġonna u siġar. Il-Kunsill qabel li għandu japprova l-abbozz qabel jiġi ppubblikat.

## 18.9 Informazzjoni mil-LESA dwar Skema tal-Parkeġġ

18.9.1. Is-SE informa bil-korrispondenza mibgħuta mil-LESA fejn taw informazzjoni ta' kemm-il vettura ġiet mogħtija kontravvenzjoni fil-Belt Valletta kif ukoll fil-Floriana u għal liema raġuni.

18.9.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li s-sistema tal-parkeġġ tal-lokalità tiġi aġġornata.

## 18.10 Programm ta' Asfaltar tat-Toroq

18.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien hemm bżonn li jsir rendikont tat-toroq kollha li għandhom bżonn jiġu asfaltati.

18.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fuq dawn it-toroq:

Triq San Publju

Vincenzo Bugeja
Triq Pietro Floriani
Pjazza Robert Samut
Triq Macerata
Triq Vilhena
Xatt it-Tiben
Il-Foss ta’ Notre Dame

18.10.3. Il-Kunsill qabel li għalhekk għandu jibgħat lill-Infrastructure Malta u lill-Ministru.

## 18.11 Reviżjoni tat-Toroq Arterjali u Distributorji

18.11.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li wara diskussjoni li kellu mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-kunsill lokali, kien ġie issuġġerit li l-Kunsill jissuġġerixxi xi toroq li jiġu mniżżlin bħala distributorji.

18.11.2. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ftit żmien sabiex jara jekk hemmx xi toroq li jixtieq jipproponi bħala toroq distributorji.

## 18.12 Il-Kriżi Demografika u r-Riġenerazzjoni tal-Floriana

18.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kienet intalbet laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta rigward il-kriżi demografika iżda sa dakinhar kien għad m’hemmx risposta jew konferma.

18.12.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li matul il-community network kienet saret talba biex issir laqgħa mal-Awtorità tad-Djar u mal-ministru rigward is-sitwazzjoni fil-lokal u l-kuntest ta’ housing.

18.12.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fil-kuntest tal-carrying capacity. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m’hemmx risposta. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira.

## 18.13 Monitoraġġ intern ta’ kameras tas-CCTV

18.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li hemm bżonn li jsir monitoraġġ tal-kameras tas-CCTV.

18.13.2. Is-SE qal li għandu jiġi ssettjat is-software biex il-kameras jitqabbdu mas-sistema tal-LESA.

18.13.3. Is-SE qal li għandu aċċess għall-filmati ta' diversi kameras iżda hemm każ fejn jinbidel l-IP u jintilef l-aċċess. Huwa kompla billi qal li jrid isir static IP iżda jkun irid jaċċetta sid il-konnessjoni tal-internet.

18.13.4. Is-SE kompla billi qal li jekk dan ma jseħħx, il-Kunsill irid jikkunsidra jara jsibx post alternattiv fejn ikun jista' jagħmel static IP.

## 18.14 Żjara f' Macerata

18.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill irid jaħseb għal tifkira sabiex tingħata lill-kunsilli lokali ġemellati fl-okkażjoni taż-żjara f'Macerata.

18.14.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona tifkira b'rabta lokali.

18.14.3. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jikkunsidra biex is-sena d-dieħla jtihom it-tifkira taċ-ċavetta tal-lokalità bħala reċiproku għal dak li kienu għamlu huma is-sena ta' qabel.

18.14.4. Il-Kunsill iddiskuta l-possibiltajiet u qabel li għandu jieħu ħsieb jitlob kwotazzjoni lis-Sur Publio Agius għall-mudell tal-funtana tal-Iljun sabiex ikun jista' jingħata bħala tifkira.

## 18.15 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

18.15.1. Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 3 ta' Settembru 2025 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2025**

(iffirmat)

Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv